**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Assistent Kummissarju Mario Spiteri]**
**(Supretendent Simon Galea]**

**vs**

**Kenneth Sevasta**

**Kumpilazzjoni Numru: 891/2010**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Sevasta detentur tal-karta tal-identita` numru 230771(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Marzu 2008, u fix-xhur ta' qabel u kemm ta' wara:

1. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigali jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerita kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel;
2. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien maghruf minnu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, u li kellu jibqa' sigriet jew illi b'xi mod ghen biex jgi maghruf;
3. Barra minn dan, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reati li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga jew impjieg

tieghu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsiru.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali datati hdax (11) ta' Ottubru 2013 fejn huwa hass li ghandha tinstab htija taht l-Artikolu sub-citati u cioe`:

(a) Fl-artikoli 115 (b) u (c); 133 u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(b) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti kif komposta;

Rat l-istqarrija tal-imputat datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju efejn u ghaxra (2010) in atti (a fol 10) u l-Qorti hi sodisfatta li din inghatat in pjena ottemperanza tal-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Ili din il-kawza titratta fuq allegat korruzzjoni minn terzi persuni lill-imputat Kenneth Sevasta li bhala ufficjal tal-pulizija u kwindi ufficjal pubbliku, u fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, huwa accetta rigali jew vantaggi ohra in

kambju li huwa, bhala pulizija fit-taqsima tal-ALE jghin lil certi nies sabiex ikunu jistghu imorru jikkaccjaw (anke b'mod illegali) u dan minghajr xkiel.

**Semghet** ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien u cioe` is-**Sur John Rizzo** li xehed fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu 2011 fejn dan spjega kif bdew l-investigazzjoni u cioe':

> ***"Il-kaz odjern kien gie sabni persuna, qalli li jixtieq jibqa' personali, kunfidenzjali, u tani informazzjoni li skont huwa l-imputat Kenneth Sevasta kellu xi hbieb li kien jinfurmahom meta ha jkun xoghol u meta ma jkunx xoghol ghar-raguni halli dawn ikunu jistghu johorgu b'certa liberta` ghall-kacca. Nghid b'certa liberta` minhabba li jkun hemm ksur tal-ligi b'diversi modi, min ghandu dawn li jsejhulu l-cassettes tal-ghana u affarijiet hekk."***

L-Ex-Kummissarju jghid ukoll illi huwa kien kellem lil certu Eric Scicluna, Glenn Scicluna u Roderick Stabile li kollha kkonfermaw li kienu jafu lill-imputat u fejn kien jghinhom sabiex johorgu liberament ghal kacca in kambju ghal xi rigali.

**Semghet** ix-xhieda ta' **Roderick Stabile** datata tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2014, fejn dan ikkonferma li hu ghadda proceduri fuq dan il-kaz li llum il-gurnata ghaddew in *res judicata.* Huwa spjega kif kien ilu jaf lill-imputat bhala hbieb peress li jahdem bhala *mechanical engineer* fuq id-dghajjes u hafna drabi il-pulizija tal-ALE fejn kien jahdem l-imputat, kienu jghaddulu xoghol ta' tiswija. Ix-xhud jghid illi kien ilu jaf lill-imputat minn meta kienu zghar, imbaghad komplew bl-amicizzja taghhom peress li kienu jiltaqghu fuq ix-

xoghol. Huwa jghid illi kemm-il darba l-imputat kien ghenu fil-post tieghu iz-Zejtun minghajr l-anqas hadlu flus. Stabile jghid ukoll illi kemm-il darba hargu flimkien bil-familji u xi kultant kien ihallaslu hu lill-imputat biex jirripagah tax-xoghol li kien ghamillu il-post tieghu taz-Zejtun.

Huwa kkonferma wkoll li ghandu d-delizzju tal-kacca fuq il-bahar. Ix-xhud jghid hekk fuq l-imputat:

> ***"Kenneth kien dejjem jiftahli ghajnejja biex tajr protett u hekk naghlaq ghajnejja qisni qatt ma rajt xejn, hekk hu. . . . Mela le, gie li kellimtu fuq ix-xoghol tieghu, imma jiena peress li izjed kont immur fuq il-bahar, fuq il-bahar qisu ma tantx tista' tikser ligijiet, jien kullma kelli hazin jiena kont immur fi zmien open season f'Ottubru jiftah l-istagun tal-bahar.. . . L-uniku kelli haga hazina hi ghax il-mutur tad-dinghy tieghi hi qieghda suppost ma tistax taqbez eighteen (18) kilometer bhala speed dinghy, kien itella' thirty (30), dik biss jiena".***

Fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk talbux xi pjaciri lill-imputat, ix-xhid jghid hekk:

> ***"Kien jghidli biex ma noqghodx mal-art, biex nohrog il-barra biex ma jghidux ara Roderick ghaddej b'mutur ikbar u mhux suppost, dik biss, dik kienet l-bqija xejn aktar".***

Mistoqsi wkoll jekk qattx pattijielu b'xi rigali jew flus, Stabile jwiegeb illi qatt ma tah rigali ghal dak li kien jghidlu izda darba tah xi flus u cioe` xi mija u hamsin Ewro (EUR150) ghaliex Kenneth kien maqbud bla flus u kellu bzonn ihallas kont tal-Melita u darb'ohra xtralu *mobile phone* irhis gheluq sninu.

Ix-xhud zied jghid illi darba wahda inqabad mill-Forzi Armati u wara cempel lill-imputat biex forsi fi kliemu ***"jillixxjalu t-triq"*** forsi ma johdulux id-*dinghy*. Gara li xorta d-*dinghy* gie ssekwestrat u ghalhekk iddecieda li ma johrogx aktar. Dan jghid li kien tressaq il-Qorti u sahansitra ma kienx qallu lill-imputat.

**Semghet** ukoll ix-xhieda ta' **Glenn Scicluna** illi xehed ukoll fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2014, u dan wara li anke hu kien ghadda proceduri kriminali fuq dan il-kaz u ghaddiet in *res judicata.* Huwa jghid ukoll illi l-imputat Kenneth Sevasta kien habib tieghu ghal xi tmien (8) snin u kien ukoll jaf li kien pulizija fi hdan it-taqsima tal-ALE. Dan jghid ukoll illi huwa kellu d-delizzju tal-kacca fuq il-bahar u anke fuq l-art izda issa jmur biss ghal kacca fuq l-art. Huwa kkonferma illi xi kultant kien johrog ghal kacca bil-*bird caller* li huwa llegali u kien icempel lill-imputat biex jara jekk kienx jista' johrog bih. Huwa jghid illi:

> ***«Ma kienx jaghtini informazzjoni kont inkun naf li hu kien ikun xoghol fuq in-naha tieghi fejn inkun ghal kacca jien. . . . Kien jghidli iva jew le, daqshekk, qatt ma kont nitolbu informazzjoni ohra.»***

Fuq domanda tal-prosekuzzjoni jekk kienx jaghtih xi haga ta' dan il-pjacir, Scicluna jirrispondi hekk:

> ***«Mhux ezatt inhossni obbligat imma nghid bniedem qed jaghmel pjacir naghmillu iehor».***

Fil-fatt huwa jixhed illi darba wahda kien ghamillu *voucher* minghand *supermarket* u darb'ohra xtralu *mobile phone*. Mistoqsi wkoll il-ghaliex hass il-bzonn li jaghtih dawn ir-rigali huwa jwiegeb:

> ***«Ghax hassejt ma pjacir irrid naghmillu iehor hu, il-mobile naf zgur kien wasal qrib il-Milied kont xtrajtulu dak iz-zmien hekk».***

Scicluna jghid hekk meta mistoqsi jekk l-imputat accettax dawn ir-rigali:

> ***«Flus qatt ma tajtu. . . . Bl-isforzi tieghi iva. . . . Kont nghidlu ejja hudhom, daqshekk. . . . Fl-ahhar kien jehodhom».***

Finalment il-Qorti setghet tisma' ix-xhieda tal-imputat **Kenneth Sevasta** li xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru 2015 li kkonferma li li Roderick Stabile u lil Glenn Scicluna kien jafhom u kienu hbieb tieghu u kkonferma x-xhieda taghhom li fil-fatt kien jaghtihom dik l-informazzjoni li kienu jitolbuh u li kienu qalu fix-xhieda taghhom, izda dan kien jaghmilha *senza interessi*.

Ghal Scicluna huwa jghid illi:

> ***"Kien isaqsini jekk jiena huwa qieghed fuq l-area tas-South, fuq l-area fejn kien ikun hu ghax hu kien ikun il-Bidni qed tifhem, meta jien kont inkun fuq l-area tas-South kont nghidlu: Jien qieghed fuq is-South, imma dejjem jigifieri ddardarx l-ilma li tixrob minnu, jekk jien qieghed fuq ic-centru jew fuq in-North kont nghidlu: Ghamel int jien ma nafx, fis-sena jien mhux se noqghod ninzel is-South, jien qieghed centru, qieghed north. . . . No qatt ma tlabtu xejn, qatt."***

**L-Elementi tar-reat ta' Korruzzjoni**

Wiehed mir-reati addebitati lill-imputat huwa r-reat ta' korruzzjoni li huwa reat antik hafna u anke ta' certa serjeta` penali. Ir-reat tal-korruzzjoni ta' ufficjal publiku huwa trattat fl-Artikoli 115 *et seq* tal-Kodici Penali taghna. Dawn il-provedimenti jaqghu taht it-Titolu III intitolat **"Fuq id-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet Pubblici ohra"** u senjatament taht is-sub-titolu IV intitolat **"Fuq l-abbuz tal-Awtorita` pubblika – fuq ufficcjali jew impjegati pubblici li jesigu l-flus jew hwejjeg ohra kontra l-ligi. Fuq estorsjoni u fuq il-korruzzjoni."**

L-Artikolu 115 tal-Kodici Penali taghna jghid hekk:

> ***"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati......."***.

Minkejja il-gravita` ta' dan ir-reat il-piena wkoll tvarja. Fil-fatt l-Artikolu 115 jkompli jipprovdi li:-

> ***(a) "jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;***
>
> ***(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta'prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;***

***(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sena sa tmien snin".***

Fuq dan ir-reat il-Professur A.J. Mamo fin-**Notes on Criminal Law** (revised edition 1954-55) jghid hekk:

***"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."***

Fis-sentenza deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** inghad is-segwenti:

***"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."***

Din il-Qorti kompliet tghid ukoll illi:

***".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu***

> ***114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."***

L-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et** ( deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) fejn gew deskritti hekk:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.

2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.

3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.

4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Jinghad bla tlaqliq li dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.

**1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku**

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal-ligi huwa wiesa' u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Fis-sentenza **l-**

**<u>Pulizija vs Joseph Buhagiar et</u>** (deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) il-Qorti rriteniet li:

> ***" ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..".***

Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.

**<u>Cheveu Helie</u>** ikkwotat mill-Professur Mamo fil-fatt jghid li:

> ***"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradici mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha"***.

Illi m'hemmx dubbju illi l-imputat Kenneth Sevasta kien ufficjal pubbliku waqt l-allegat reat u cioe` fix-xahar ta' Marzu 2008 u fix-xhur ta' qabel u ta' wara u dan anke kif juri dokument ipprezentat fl-atti mmarkat bhala Dokument MS4 li juri li l-imputat huwa ufficjal tal-pulizija mis-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) kif ukoll gie kkonfermat minn xhieda ta' Anthony Zammit ghan-nom tal-*Human Resources* tal-Pulizija li kkonferma bil-gurament dan il-fatt (*vide* fol 70).

2. **<u>L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd</u>**

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hawnwhekk terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata **<u>il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et</u>**. fejn inghad li:-

> ***"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku jkun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."***

B'dan pero` illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni. Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero` ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115.

Illi jrid jinghad ukoll illi minn kliem il-ligi stess mhux necessarju li r-rigal, weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata

personalment minnu. Jekk l-ufficjal pubbliku agixxa tramite intermedjajru r-reat jissustixxi xorta. L-intermedjarju irid pero` jkun konxkju li agixxa bil-kunsens tal-ufficcjal pubbliku. Lanqas ma taghmel xi differenza jekk il-vantagg kien ser isir a beneficcju tal-ufficcjal pubbliku jew ta' xi terza persuna, purche' l-ufficjal pubbliku kien jaf x'kien ghaddej.

Ghalhekk l-offerta lejn l-ufficcjal pubbliku tista' tkun diretta jew indiretta. Fil-kaz ahhari, sabiex jissusti r-reat, l-offerta trid tkun intiza sabiex tasal ghal ufficcjal pubbliku u l-ufficjal pubbliku irid ikun jaf dwarha. Rigward il-valur tal-offerta jinghad li dan hu rrelevanti u ghal dan il-ghan issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli** fejn inghad li:

> ***"Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini tal-artikoli tal-Kodici Kriminali specjalment l-artikolu 114 (illum 115), l-ammont ta' dawn il-hlasijiet huwa irrelevanti."***

Illi fil-kaz odjern ma jissussistix dan l-element ghaliex jekk kien hemm xi tip ta' kolluzjoni bejn l-imputat u l-persuna, certament tonqos l-element ta' weghda ta' xi rigal jew retribuzzjoni ohra. Minn imkien ma hareg dan l-element ta' weghda, anzi ix-xhieda jghidu li qatt ma taw xejn u qatt ma ntalbu xejn mill-imputat. Jekk effettivament xi darba tawh xi rigal, dan ma kienx hemm ness bejn il-pjacir u ir-rigal moghti lill-imputat.

3. **L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu**

Dan it-tielet element kontemplat fir-reat skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 talLigijiet ta’ Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mill-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa’ fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m’ghandux x’jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta’ ufficcjal pubbliku u cioe` li m’ghandux dritt jaghmel dak l-att skond l-impjieg tieghu xorta jibqa’ att ta’ ufficcjal pubbliku pero` mhux wiehed li jaqa’ fil-parametri ta’ dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta’ haga li hu biss jista’ jaghmel.

Fis-sentenza gja kkwotata **__il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri__** il-Qorti rriteniet li:-

> ***“It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b’mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f’dan il-kaz li jista’ jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, ‘an act of his office’.”***

Fil-fatt il-Professur Mamo jikkonferma billi jghid:-

> ***“it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon”.***

Is-sentenza tal-Appell imbaghad tkompli tghid li:

> ***"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz.....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."***

Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.

F'sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012) il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 ma jissussistix. Din il-Qorti tghid li l-fatti huma simili ghal kaz in desamina u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-imputat qatt talab ghal xi rigali, jew addirittura qatt ma wieghed li ser jaghmel xi haga ghal xi forma ta' retribuzzjoni. Jirrizulta biss *sic et simpliciter* li l-imputat ircieva rigali taht l-ebda pretest salv li kienu rigali ghal xi okkazjoni partikolari. Tant hu hekk illi meta Roderick Stabile gie mwaqqaf mill-Armata ghaliex kien qed fuq il-bahar jikkaccja b'mod illegali, u dan cempel lill-imputat sabiex jiehu sodisfazzjoni, l-imputat qallu illi huwa ma kellux kontroll fuq l-armata. Li kieku l-imputat kien

qed jaghmel dak l-att jew favur specifikatament ghal xi forma ta’ retribuzzjoni, li kieku kien jassigura illi fil-post fejn kien ser ikun il-persuna favoreggjata, ma kien ikun hemm hadd sabiex iwaqqfu.

4. **Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel**

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m’ghandux x’jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid:

> ***“..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice.”***

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:

> ***“that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment.”***

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli** il-Qorti irriteniet:

***"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."***

Interessanti dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012), taht il-ligi taghna:

***"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."***

Ghaldaqstant huwa car illi taht il-ligi Maltija, sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku.

Infatti l-Professur Mamo jghallem li:

***"as Section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."***

Illi ghalhekk huwa biss meta l-ftehim bejn l-ufficcjal pubbliku u l-korruttur jigi msarraf f'dak miftiehem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat. Illi ghalhek hareg car li l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ma gewx ippruvati

ghaliex fil-mument tal-fatt attribwit lill-imputat la kien hemm weghda u l-anqas offerta mill-ebda parti involuta.

Illi l-imputat huwa wkoll attribwit ir-reati taht l-Artikoli 133 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 133 jghid hekk:

> ***"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa."***

L-Artikolu 141 tal-istess Kodici imbaghad jghid hekk:

> ***"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad."***

Illi jinghad illi l-imputat, ghalkemm ma jistax jinsab hati ta' korruzzjoni, certament mar oltre l-limiti tieghu ta' ufficjal pubbliku illi huwa kien jghaddi informazzjoni li ma kellux jghaddi liz-zewg min nies involuti f'dawn il-proceduri. Dan billi huwa, anke b'mod indirett, kien jaghtihom il-*lascia passare* sabiex johorgu jikkaccjaw u jikkommettu certu illegalitajiet. Huwa mmaterjali jekk din

l-illegalita` kienitx kbira jew zghira. Dak li kien importanti hu li l-imputat kien ikun jaf ben tajjeb b'dawn l-illegalitajiet u ma kellu qatt jaghti l-kunsens tieghu li dawn jigu kommessi. Illi l-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta tghid illi l-imputat qatt ma kixef l-ebda sigriet. Is-semplici fatt li huwa kien jghid fejn kien ser ikun stazzjonat huwa fil-fatt kxif ta' sigriet ghaliex jekk in-nies ikunu jafu fejn huma l-ufficjali tal-ALE, mela dan ikun ifisser illi jistghu jikkontrollaw aktar l-affarijiet ta' bejniethom u tista' wkoll tigi ffacilitata l-korruzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u filwaqt li rat l-Artikoli 133 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Kenneth Sevasta** hati biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2), b'dan li ma ssibux hati tal-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**